**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**Il-ĦADD, 20.12.09: IR-RABA ĦADD TA' L-AVVENT.**
Matul din il-Ġimgħa se nkomplu bin-Novena li tħejjijna għall-Festi tal-Milied.
Nistieden lit-tfal u lill-ġenituri biex jieħdu sehem fil-quddies speċjalment dik ta' filghaxija.

**IT-TLIETA, 22.12.09: LAQGĦA TA' TALB GĦAN-NISA.**
**Fit-8.30a.m.** Se ssir Laqgħa ta' Talb għan-Nisa kollha. Din se tkun fil-knisja u tkun bi tħejjija għall-Milied.
Nistieden lin-Nisa kollha biex jieħdu sehem.

**Il-ĦAMIS, 24.12.09: LEJLIET IL-MILIED**
**Fis-7.00a.m.** ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Mill-4.00p.m.** 'l quddiem ikun hawn ukoll l-konfessur barrani għall-qrar.
Inħeġġeġ lil kulħadd jersaq għas-Sagrament tal-Qrar biex nistgħu nilqgħu lil Ġesu' ġewwa fina f'dawn il-ġranet għeżież tal-Milied.
Fil-għaxija ssir l-attivita' ta' Father Christmas, organizzata mill-Għaqda Drammatika Sannat.
**Fis-6.00p.m.** Quddiesa tal-Vġili tal-Milied.
**FIL-11.30p.m. VELJA TA' KANT U TALB**
Jieħdu sehem il-Kor Ulied Margerita u Fjur tal-Martri Margerita taħt it-tmexxija ta' Georgina Gauci
Inħeġġu lil kulħadd biex jieħu sehem f'din il-Velja u fil-quddiesa ta' Nofs il-Lejl.
**F'NOFS IL-LEJL QUDDIESA SOLENNI TAL-LEJL QADDIS TAL-MILIED.**

**IL-ĠIMGĦA , 25.12.09: SOLENNITA' TAT-TWELID TA' SIDNA GESU KRISTU.**
**Fil-10.30a.m.** Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija

**IS-SIBT, 26.12.09: FESTA TA' SAN STIEFNU L-EWWEL MARTRI.**
**Fit-8.30a.m.** quddiesa għat-Tfal kollha. U wara jkollhom attivita' organizzata mill-Kunsill Lokali.
**Fis-6.00p.m.** Quddiesa
**Fis-6.30p.m.** Purċissjoni b'Gesu' Bambin immexxija mill-membri tal-MUSEUM. Tibda minn ħdejn il-Museum akkompanjata mill-Banda Santa Margerita u li tgħaddi mit-toroq ta' madwar Cocco Palmieri. X'ħin tasal fil-knisja jkun hemm programm sabieħ u l-prietka tat-tifel.
Nagħmel appell lil kulħadd biex jieħu sehem.
**Fis-6.30p.m.** se tibda l-Adorazzjoni għall-persuni kkonsagrati li dan ix-xahar se ssir fil-parroċċa tax-Xewkija.

**IL-ĦADD, 27.12.09: FESTA TAL-FAMILJA MQADDSA TA' ĠESU', MARIJA U ĠUŻEPPI.**
Illum waqt il-quddies il-miżżewġin iġeddu l-wegħdiet tal-ħajja miżżewġa

**QUDDIES GĦAND IL-MORDA.**
Matul din il-ġimgħa nkomplu bil-quddies għand il-morda kollha. Dawn jiġu avżati bil-ġurnata u l-ħin.

**IL-PARTY GĦAT-TFAL**
Il-Party għat-tfal kollha tal-parroċċa se jsir nhar it-Tnejn, 28 ta' Diċembru.

**NIXTIEQU MILIED**
**MIMLI FERH SPIRITWALI**
**LILL-MEMBRI KOLLHA TAL-KOMUNITA' PARROKKJALI**